**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/063 |
| **Allegazzjoni:** | Għoti ta' permess biex il-Kap Eżekuttiv tal-Istitut għal Studji Turistiċi jaċċetta cruise b'xejn, minkejja li dan kien jammonta għal kunflitt ta' interess |
| **Ilmentatur:** | Il-Professur Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 24 ta' Settembru 2023 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 20 ta' Diċembru 2024 |

**L-Ilment**

1. Fl-24 ta' Settembru 2023, il-Professur Arnold Cassola (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju sabiex jitlob investigazzjoni dwar l-Onor. Clayton Bartolo, dak iż-żmien Ministru għat-Turiżmu. L-Ilmentatur irrefera għal artiklu ppubblikat fuq il-ġurnal elettroniku *The Shift* dakinhar stess,[1] fejn ġie allegat li s-Sur Pierre Fenech, Kap Eżekuttiv tal-Istitut għal Studji Turistiċi (ITS), kien ingħata kruċiera b'xejn mid-ditta Viking Cruises. Fil-fehma tal-Ilmentatur, dan kien jikkostitwixxi kunflitt ta' interess ċar. L-Ilmentatur qal:

> [...] *is-Sur Fenech qal li kellu l-approvazzjoni u l-go ahead tal-Ministru Clayton Bartolo. Qiegħed għalhekk nitlob li jiġi investigat il-Ministru Clayton Bartolo 1. Għax qatt ma kellu japprova rigal ta' dan it-tip li jikkostitwixxi kunflitt ta' interess 2. Qatt ma kellu japprova li l-ITS iħallas l-ispejjeż tal- vjaġġ privat Malta–Ancona–Malta.*

2. Din il-komunikazzjoni hija mehmuża ma' dan ir-rapport u mmarkata bħala d-**Dokument A**.

---

[1] Ara https://theshiftnews.com/2023/09/24/super-ceo-takes-wife-on-free-cruise-offered-by-its-clients/.

**Il-Kuntest**

3. Fl-24 ta' Settembru 2023, *The Shift* ippubblikat artiklu ntitolat "*'Super CEO' takes wife on a free cruise offerred by ITS clients*".[2] F'dan l-artiklu ġie rrapportat illi l-Kap Eżekuttiv tal-ITS, is-Sur Pierre Fenech, ħa lil martu għal kruċiera li ngħatat b'xejn. Il-kumpanija li pprovdiet il-kruċiera kienet Viking Cruises, kumpanija bbażata fl-Isvezja, li kienet qiegħda tinnegozja sabiex tibgħat studenti jitħarrġu mal-ITS ġewwa Malta. *The Shift* qalet li skont is-sorsi tagħha, Pierre Fenech ingħata parir biex ma jaċċettax din il-kruċiera biex ma jikkompromettix in-negozjati li kienu għaddejjin ma' Viking Cruises, iżda huwa għażel li jaċċetta din il-kruċiera u qatta' ħamest ijiem fuq il-vapur in kwistjoni.

4. Barra minn hekk, *The Shift* qalet li s-Sur Fenech akkwista rifużjoni mill-ITS tal-vjaġġ bl-ajru minn Malta sa Ancona, minn fejn qabad il-vapur. Huwa kien akkumpanjat mill-mara tiegħu u minn kollega mill-ITS, iżda l-mara tiegħu ħallset il-vjaġġ tagħha bl-ajru.

5. Skont l-artiklu, is-Sur Fenech informa lil *The Shift* li huwa kien ġab approvazzjoni biex imur fuq il-kruċiera mingħand is-Sur Anthony Gatt, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Turiżmu.

**Indaġni Preliminari**

6. Fit-3 ta' Novembru 2023 dan l-Uffiċċju kiteb lill-Ministru Bartolo għall-finijiet tal-indaġni preliminari tiegħu u talbu jgħid:

(i) jekk kienx minnu li l-Kap Eżekuttiv tal-ITS ġab l-approvazzjoni tal-ministeru tal-Onor. Bartolo sabiex jaċċetta l-cruise u sabiex l-ITS tħallaslu l-vjaġġ bl-ajru;

(ii) jekk dan kien minnu, x'sehem kellu l-Ministru Bartolo personalment fl-approvazzjoni li ngħatat; u

(iii) jekk itteħditx xi azzjoni wara li dan il-każ ġie rapportat fil-midja.

7. L-ittra ta' dan l-Uffiċċju hija mehmuża ma' dan ir-rapport u mmarkata bħala d-**Dokument B**.

[2] Ara n-nota 1 fuq.

8. Il-Ministru Bartolo kellu jiġi mfakkar biex iwieġeb, u eventwalment għamel dan fil-25 ta' Jannar 2024. Huwa qal li r-rappurtaġġ jikkonferma li l-awtorizzazzjoni ngħatat miċ-Ċivil (ossia s-servizz pubbliku), u mhux minnu bħala politiku. Il-Ministru Bartolo qal li ċ-Ċivil ma jweġibx lilu, għalkemm żied jgħid ukoll li b'dan ma kienx qed jimplika li ċ-Ċivil aġixxa skorrettement.

9. Ir-risposta tal-Ministru Bartolo hija mehmuża ma' dan ir-rapport u mmarkata bħala d-**Dokument Ċ**.

10. Fit-23 ta' April 2024 dan l-Uffiċċju reġa' kiteb lill-Ministru Bartolo għal iktar kjarifiki. Il-Ministru Bartolo ġie informat li dan l-Uffiċċju kien qed jifhem mill-ittra tiegħu li:

(i) il-Kap Eżekuttiv tal-ITS kien ġab l-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Turiżmu sabiex jaċċetta l-kruċiera u sabiex l-ITS tħallaslu l-vjaġġ bl-ajru;

(ii) il-Ministru Bartolo ma kien ħa l-ebda azzjoni wara li l-każ ġie rrapportat fil-midja.

11. Fir-rigward tat-tieni punt, dan l-Uffiċċju osserva li d-dikjarazzjoni tal-Ministru Bartolo li ċ-Ċivil ma jweġibx lilu ma kinitx konsistenti mal-artikoli 17(5) u 35(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (il-kapitolu 595 tal-liġijiet ta' Malta).

12. Permezz tal-istess ittra, il-Ministru Bartolo għal darba oħra ntalab jgħid jekk kellux sehem personali fl-approvazzjoni li ngħatat lill-Kap Eżekuttiv tal-ITS, u b'mod speċifiku:

(i) jekk kienx jaf bit-talba għall-approvazzjoni da parti tal-Kap Eżekuttiv tal-ITS qabel ma ġiet mogħtija din l-approvazzjoni; u

(ii) jekk l-approvazzjoni ngħatatx bil-kunsens tal-istess Ministru Bartolo.

13. Din l-ittra hija mehmuża bħala d-**Dokument D**.

14. Il-Ministru Bartolo wieġeb permezz ta' ittra datata 16 ta' Mejju 2024 (**Dokument E**). Huwa rrepeta li l-approvazzjoni ngħatat mis-Segretarju Permanenti u mhux minnu. Ma weġibx id-domandi ta' dan l-Uffiċċju.

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

15. Fid-dawl tar-risposti msemmija tal-Ministru Bartolo, dan l-Uffiċċju deherlu li kellu jiftaħ investigazzjoni formali. Dan l-Uffiċċju ħarrek lis-Sur

Anthony Gatt, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, li ta x-xhieda tiegħu fl-24 ta' Ġunju 2024.

16. Is-Sur Gatt qal li s-safar minn impjegati tal-gvern fuq xogħol huwa regolat minn ċirkolari maħruġa mill-Ministeru għall-Finanzi. Fil-qosor, il-proċedura hija li qabel ma jingħata permess għal safar għal skopijiet ta' xogħol, trid tiġi provduta l-aġenda tal-laqgħa li se ssir barra minn Malta u ġustifikazzjoni għalfejn għandu jkun hemm parteċipazzjoni fil-laqgħa. Għandhom jinġiebu tal-inqas 3 stimi differenti ta' spejjeż għall-vjaġġ in kwistjoni, u dejjem tintgħażel l-irħas offerta.

17. F'dal-kuntest is-Sur Gatt qal li ntefqu €230 minn fondi pubbliċi fuq titjira waħda, dik tas-Sur Andrew Debattista (Senior Manager Business Development mal-ITS), li akkumpanja lill-Kap Eżekuttiv fuq il-kruċiera. Ir-raġuni kienet li l-Kap Eżekuttiv diġà kien qiegħed l-Italja meta kellha tibda l-kruċiera.

18. Mistoqsi għal liema raġuni t-talba tal-Kap Eżekuttiv tal-ITS waslet quddiemu, u mhux, per eżempju, quddiem il-bord ta' tmexxija tal-ITS, Is-Sur Gatt stqarr li r-regoli relevanti jitolbu l-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti.

19. Mistoqsi b'mod dirett jekk il-Ministru Bartolo kellux x'jaqsam ma' din il-kwistjoni kollha, is-Sur Anthony Gatt kategorikament wieġeb li l-Ministru Bartolo ma kienx involut. Qal "*Allaħares naslu fl-istat illi biex ikun hemm travel irrid japprovah il-Ministru*".[3]

20. Is-Sur Gatt ipprovda kopja tal-iskambju ta' emails bejnu u bejn il-Kap Eżekuttiv tal-ITS dwar il-kruċiera, u dan l-Uffiċċju seta' josserva li l-Ministru Bartolo kien ikkopjat fil-korrispondenza. Is-Sur Gatt qal li bħala regola, meta jiktbulu l-kapijiet eżekuttivi dejjem jikkopjaw lill-Ministru. Mistoqsi jekk ikkomunikax mal-Ministru Bartolo fuq din il-kruċiera, barra minn kif deher fil-korrispondenza esebita, is-Sur Gatt wieġeb fin-negattiv. Qal li ġaladarba ċ-ċirkolari relevanti ġiet osservata, ma kien hemm l-ebda bżonn ta' intervent mill-Ministru. Fuq dik in-nota, is-Sur Gatt xehed li kien hemm varji istanzi fejn huwa rrifjuta li jagħti permess lil kapijiet eżekuttivi sabiex jivvjaġġaw fuq xogħol.

3 Dokument F, linja 439.

21. Is-Sur Gatt spjega li l-kruċiera li kien mistieden għaliha l-Kap Eżekuttiv tal-ITS kienet "shakedown cruise". Huwa ta din l-ispjegazzjoni:

> *Shakedown cruise huwa propju jkun cruise on test, iġifieri kull ma jkun qed jiġri ma kienx hemm tal-ITS ta' Malta biss, kien hemm ta' institutions oħrajn. Dan ikun apposta, bħal meta tmur il-fiera tat-tiġijiet, ikun hemm kollox on test, dan kien propju dan it-tip ta' cruise, it's a shakedown cruise fejn ikun hemm l-ogħla uffiċjali* [...] *saru anka meetings, meta tmur anka cruise vaganza naħseb l-inqas ħaġa li jkollok aptit li toqgħod tagħmel meeting jiena. F'dan il-każ hawnhekk huma msemmijin il-persuni min huma, li saru meetings.*[4]

22. Mistoqsi jekk kienx minnu li l-Kap Eżekuttiv tal-ITS ingħata parir biex ma jaċċettax il-kruċiera, kif ġie allegat minn *The Shift*, is-Sur Anthony Gatt qal li ma kien hemm l-ebda parir ta' dak it-tip.

23. Mistoqsi jekk hu, bħala Segretarju Permanenti, kienx jara kunflitt ta' interess da parti tal-Kap Eżekuttiv, is-Sur Anthony Gatt qal li ma ra l-ebda kunflitt ta' interess. Qal li huwa importanti li l-ITS tistabbilixxi kuntatti ma' istituzzjonijiet barranin sabiex tkun tista' tikkopera magħhom u testendi s-servizzi tagħha:

> [...] *illum l-ITS tibgħat l-istudenti iċ-Ċina, għandna satellite campus iċ-Ċina, nibgħatu l-istudenti l-Isvizzera għandha satellite campus hemmhekk. Dawn mhux kollha institutions? Bħall-Viking hemm ħafna iktar, ħafna iktar. Imma jekk ma nitkellmux magħhom kif se naslu, mhux dik hija l-proċedura?* [5]

24. Meta ġie mfakkar li Pierre Fenech ultimatament kien qiegħed jinnegozja u jaġixxi għan nom tal-Gvern ta' Malta, is-Sur Gatt issottolinea li din l-istorja ma kinitx tinvolvi kompetizzjoni bħal kif wieħed is-soltu jara fi proċess ta' tender, iżda kienu negozjati bilaterali fuq taħriġ ta' studenti biex jaħdmu fuq cruise liners. Ix-shakedown cruise kif offruta ma kinitx rigal iżda forma ta' awdizjoni bil-għan illi l-ITS titħajjar tkompli tesplora kollaborazzjoni mal-Viking Cruises.

25. F'dak ir-rigward, is-Sur Gatt ikkummenta li appena qamet il-kontroversja fuq il-mezzi tax-xandir rigward din il-kruċiera, il-Viking Cruises tilfu l-interess u

[4] Dokument F, linji 113–119.

[5] Dokument F, linji 267–271.

n-negozjati ntemmu għaliex din id-ditta ma kellha l-ebda interess tispiċċa f'kontroversja pubblika minħabba sempliċi proċess kummerċjali.

26. Saret referenza għal dik il-parti tar-rapport ġurnalistiku fejn ġie allegat li Dr Frank Fabri wkoll kellu l-opportunità li jmur għall-kruċiera in kwistjoni iżda għażel li ma jmurx. Is-Sur Gatt xehed li Dr Fabri ma marx għax kellu impenji familjari.

27. It-traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sur Gatt hija mehmuża ma' dan ir-rapport u mmarkata bħala d-**Dokument F**.

28. Is-Sur Gatt ipprovda numru ta' dokumenti:

(i) serje ta' emails li ntbagħtu bejn it-28 ta' Marzu 2023 u d-9 ta' April 2023, u li huma mehmuża bħala d-**Dokument G**;

(ii) iċ-ċirkolari MFE 3/2022, intitolata "*Adherence to Travel Regulations*", li hija meħmuża bħala d-**Dokument H**;

(iii) rapport intitolat "*Report of the Viking Saturn Shakedown held between 27th April and 2nd May 2023*", li ġie ppreparat mis-Sur Pierre Fenech, Kap Eżekuttiv tal-ITS, u s-Sur Andrew Debattista, Senior Manager, Business Development (li akkumpanjah fuq il-kruċiera) għall-finijiet tar-regoli dwar is-safar: dan hu mehmuż bħala d-**Dokument I**.

**Konsiderazzjonijiet**

29. Is-sottoskritt huwa xettiku dwar il-benefiċċju li ħadet l-ITS mill-parteċipazzjoni tal-Kap Eżekuttiv u l-kollega tiegħu fix-shakedown cruise. Fix-xhieda tiegħu is-Sur Anthony Gatt irrefera għal-laqgħat elenkati fid-Dokument I, iżda minn dan id-dokument jirriżulta li waqt vjaġġ ta' ħamest ijiem il-Kap Eżekuttiv u l-kollega tiegħu kellhom erba' laqgħat u żjara fl-oqsma tal-operat tal-vapur. Id-dokument ma jagħti ebda dettalji dwar id-diskussjonijiet li saru u l-informazzjoni li nġabret f'dawn il-laqgħat. Id-dokument jindika li kellu jiġi riferut b'mod immedjat lil żewġ uffiċjali oħra u żewġ dipartimenti tal-ITS, iżda fih innifsu ma seta' joffrilhom ebda informazzjoni ta' utilità.

30. Is-sottoskritt huwa preokkupat ukoll dwar il-ħeffa li biha s-Sur Gatt ċaħad il-possibbiltà li l-aċċettazzjoni tal-kruċiera setgħet toħloq kunflitt ta' interess. Is-sottoskritt jifhem li istituzzjoni bħall-ITS trid tistabbilixxi kuntatti ma' entitajiet barranin sabiex tkun tista' tespandi s-servizzi tagħha, u li dawn il-kuntatti jistgħu jieħdu diversi forom. Għalhekk ma jħossx li għandu jgħaddi

ġudizzju dwar jekk din il-kruċiera fil-fatt wasslitx għal kunflitt ta' interess. Dan il-ġudizzju għandu jsir mill-uffiċjali risponsabbli.

31. L-uffiċjali risponsabbli għandhom jagħtu konsiderazzjoni serja tal-possibbiltà li jqum kunflitt ta' interess jekk jiġi aċċettat benefiċċju bħal dan, u fi spirtu ta' trasparenza jagħtu rendikont dettaljat tar-raġunijiet għalfejn ma qamx kunflitt jew għalfejn, minkejja l-possibbiltà ta' kunflitt, aċċettaw il-benefiċċju jew taw il-barka tagħhom għall-aċċettazzjoni tiegħu. Li kieku sar dan meta l-każ ġie rapportat fil-midja, minflok ma ntqal biss li s-Segretarju Permanenti kien awtorizza l-parteċipazzjoni fil-kruċiera, forsi ma kienx ikun hemm rapportaġġ daqstant negattiv. B'hekk, jekk huwa minnu li l-Viking Cruises temmet in-negozjati mal-ITS minħabba r-rapportaġġ negattiv, forsi din il-konsegwenza setgħet tiġi evitata.

32. Madankollu, dan l-Uffiċċju la għandu ġurisdizzjoni fuq is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għat-Turiżmu u lanqas fuq il-Kap Eżekuttiv tal-ITS. Id-domanda li tikkonċerna lil dan l-Uffiċċju hija jekk kienx l-eks Ministru Clayton Bartolo li awtorizza l-aċċettazzjoni tal-kruċiera jew ordna li tiġi aċċettata.

33. Fuq dan il-punt is-Sur Anthony Gatt wieġeb b'mod ċar li kien hu li ta l-awtorizzazzjoni u l-Ministru Bartolo ma kienx involut. L-emails esebiti mis-Sur Gatt (Dokument G) jindikaw li l-Ministru Bartolo kien ikkopjat fl-iskambju bejn is-Sur Gatt u l-Kap Eżekuttiv tal-ITS, iżda fl-ebda punt ma intervjena. Għaldaqstant l-ilment fil-konfront tal-Ministru Bartolo ma jirriżultax. L-aktar li jista' jingħad hu li l-Ministru kien jaf x'inhu għaddej u seta' intervjena kieku ried. Biss, il-liġi tagħti lis-segretarju permanenti l-kompitu li jara li l-valuri tal-amministrazzjoni pubblika u l-kodiċi ta' etika għall-impjegati pubbliċi jiġu osservati mid-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħt il-ministeru tiegħu.[6] Il-ministru jista' jintervjeni jekk irid, iżda huwa desiderabbli li jagħmel dan biss bħala eċċezzjoni u mhux bħala regola ġenerali.

34. Din l-investigazzjoni setgħet tiġi evitata kieku l-Ministru Bartolo kien aktar komprensiv fir-risposti tiegħu lil dan l-Uffiċċju. Il-Ministru Bartolo seta' hu stess bagħat l-iskambju ta' emails li ġew fornuti aktar tard mis-Segretarju Permanenti u qal ċar u tond li kien jaf x'inhu għaddej iżda deherlu li ma kellux jintervjeni. F'dan il-każ, x'aktarx li s-sottoskritt kien jikkonkludi l-indaġni preliminari tiegħu b'deċiżjoni li m'għandux ikompli jinvestiga l-ilment.

---

[6] Ara l-artikoli 17(1) u 35(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

35. Minflok, il-Ministru kien xott fir-risposti tiegħu, u bbaża waħda mir-risposti fuq il-premessa żbaljata li *"iċ-Ċivil ma jweġibx lili"* (Dokument Ċ). Li kieku huwa minnu li l-impjegati fis-servizz pubbliku ma jweġbux lill-ministri, kieku l-ministri kollha qegħdin gallerija u l-pajjiż qed jitmexxa mis-segretarji permanenti. Fid-dawl ta' risposti bħal dawn, is-sottoskritt ma kellux triq oħra ħlief li jibda investigazzjoni formali. Dan huwa eżempju ieħor tal-importanza tat-trasparenza.

## Konklużjoni

36. Għall-motivi mogħtija fuq, is-sottoskritt ma jsib ebda involviment tal-Onor. Clayton Bartolo fl-għoti ta' permess sabiex il-Kap Eżekuttiv tal-Istitut għal Studji Turistiċi jaċċetta rigal ta' kruċiera, u jagħlaq il-każ.

37. Is-sottoskritt jirrakkomanda li tingħata aktar importanza lill-aspett etiku fir-rigward ta' safar jew benefiċċji oħra mħallsin minn terzi, u fejn jiġi deċiż li benefiċċju tali għandu jiġi aċċettat, tingħata spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għal dan. Dan ikun aktar konformi mal-obbligu tat-trasparenza u jsaħħaħ il-fiduċja fl-amministrazzjoni pubblika.

38. Kopji ta' dan ir-rapport se jintbagħtu lill-Ilmentatur, lill-Onor. Clayton Bartolo, u lill-Kumitat Parlamentari għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Se titqiegħed ukoll kopja fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 24 ta' Settembru 2023 mingħand il-Prof. Arnold Cassola. |
| Dokument B | Ittra datata 3 ta' Novembru 2023 lill-Ministru Clayton Bartolo. |
| Dokument Ċ | Ittra datata 25 ta' Jannar 2024 mingħand il-Ministru Bartolo. |
| Dokument D | Ittra datata 23 ta' April 2024 lill-Ministru Bartolo. |
| Dokument E | Ittra datata 16 ta' Mejju 2024 mingħand il-Ministru Bartolo. |
| Dokument F | Traskrizzjoni tax-xiehda mogħtija mis-Segretarju Permanenti Anthony Gatt fl-24 ta' Ġunju 2024. |
| Dokument G | Skambju ta' emails bejn Viking Cruises, l-Istitut għal Studji Turistiċi u l-Ministeru għat-Turiżmu bejn it-28 ta' Marzu 2023 u d-9 ta' April 2023. |
| Dokument H | Ċirkolari MFE 3/2022, intitolata "*Adherence to Travel Regulations*", u datata 27 ta' Mejju 2022. |
| Dokument I | Rapport intitolat "*Report of the Viking Saturn Shakedown held between 27th April and 2nd May 2023*", li ġie ppreparat mis-Sur Pierre Fenech, Kap Eżekuttiv tal-ITS, u s-Sur Andrew Debattista, Senior Manager, Business Development. |

DOKUMENT A

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Talba investigazzjoni Clayton Bartolo
**Date:** 24 September 2023 09:45:48

---

Ghaziz Kummissarju Azzopardi,

F'April li ghadda Pierre Fenech tal-ITS inghata cruise b'xejn minn Viking cruises. Il-cruise telqet minn Ancona u allura, apparti il-cruise b'xejn, Fenech kellu l-vjagg sa Ancona u lura mhallas mill-ITS.
L-accettazzjoni ta' dan it-tip ta' rigal mill-Kap tal-ITS jikkostitwixxi kunflitt ta' interess car.
Izda is-Sur Fenech qal li kellu l-approvazzjoni u l-go ahead tal-Ministru Clayton Bartolo.
Qieghed ghalhekk nitlob li jigi investigat il-Ministru Clayton Bartolo 1. Ghax qatt ma kellu japprova rigal ta' dan it-tip li jikkostitwixxi kunflitt ta' interess 2. Qatt ma kellu japprova li l-ITS ihallas l-ispejjez tal- vjagg privat Malta-Ancona-Malta.
Anness l-artiklu ta' theshiftnews.

https://theshiftnews.com/2023/09/24/super-ceo-takes-wife-on-free-cruise-offered-by-its-clients/

Inselli ghalik,

Arnold Cassola

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

3 ta' Novembru 2023

L-Onor. Clayton Bartolo
Ministru għat-Turiżmu

Bl-email fuq clayton.bartolo@gov.mt

Onor. Ministru,

**Ilment nru 166 dwar cruise mogħti lill-Kap Eżekuttiv tal-Istitut għal Studji Turistiċi (ITS)**

Irċevejt ilment fejn qed jiġi allegat li inti tajt l-approvazzjoni tiegħek sabiex il-Kap Eżekuttiv tal-ITS jaċċetta cruise b'xejn minkejja li dan kien jirrappreżenta konflitt ta' interess, u sabiex l-ITS tħallaslu l-vjaġġ bl-ajruplan sal-port minn fejn kellu jitlaq il-vapur. L-ilment huwa anness ma' din l-ittra.

Għall-finijiet tal-indaġni preliminari tiegħi, sabiex nistabbilixxi jekk hemmx lok għall-investigazzjoni ta' dan l-ilment skont l-Att, inti mitlub tgħidli:

(a) jekk hux minnu li l-Kap Eżekuttiv tal-ITS ġab l-approvazzjoni tal-ministeru tiegħek sabiex jaċċetta l-cruise u sabiex l-ITS tħallaslu l-vjaġġ bl-ajru;

(b) jekk dan hu minnu, x'sehem kellek inti personalment fl-approvazzjoni li ngħatat; u

(c) jekk ħadtx xi azzjoni wara li dan il-każ ġie rapportat fil-midja.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 1 ta' Diċembru 2023**.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT Ċ

MINISTER FOR TOURISM
AND PUBLIC CLEANLINESS
233 REPUBLIC STREET, VALLETTA, MALTA

25 ta' Jannar 2024

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi

Għażiż Sur Kummissarju,

**RE: Ilment nru 166 dwar cruise mogħti lill-Kap Eżekuttiv tal-Istitut għal Studji Turistiċi (ITS)**

Nikteb b'riferenza għall-ittra tiegħek datata 3 ta' Novembru 2023 dwar is-suespost.

L-ilment hu msejjes fuq rappurtaġġ illi sar minn *TheShiftNews* fl-24 ta' Settembru 2023, kopja ta' liema ġja ngħaddiet lilek mill-ilmentatur.

Illi r-rappurtaġġ innifsu jikkonferma illi l-awtorizzazzjoni ingħatat miċ-Ċivil, u mhux mill-politiku.

In kwantu għall-kweżit (c), iċ-Ċivil ma jweġibx lili, b'dana illi b'ebda mod ma qed nimplika illi ċ-Ċivil aġixxa skorrettement.

Nissottometti għaldaqsant li ma hemmx lok għal investigazzjoni kontrija meta l-fatti huma daqstant ċari.

Għoddni tiegħek,

**Onor. Clayton Bartolo**

t +356 22915900 e clayton.bartolo@gov.mt tourism.gov.mt

DOKUMENT D

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

23 ta' April 2024

Onor. Clayton Bartolo
Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika

Bl-email fuq clayton.bartolo@gov.mt

Onor. Ministru,

**Ilment nru 166 dwar permess għal cruise mogħti lill-Kap Eżekuttiv tal-Istitut għal Studji Turistiċi (ITS)**

Nirreferi għall-ittra ta' dan l-Uffiċċju datata 3 ta' Novembru 2023, fejn inti ġejt mitlub tgħid:

- jekk hux minnu li l-Kap Eżekuttiv tal-ITS ġab l-approvazzjoni tal-ministeru tiegħek sabiex jaċċetta cruise b'xejn u sabiex l-ITS tħallaslu vjaġġ bl-ajru biex jaqbad l-istess cruise;
- jekk dan hu minnu, x'sehem kellek int personalment fl-approvazzjoni li ngħatat; u
- jekk ħadtx xi azzjoni wara li dan il-każ ġie rapportat fil-midja.

Nirreferi wkoll għar-risposta tiegħek datata 25 Jannar 2024, fejn inti għedt li:

- l-ilment hu msejjes fuq rappurtaġġ minn *The Shift News* li jikkonferma li l-awtorizzazzjoni ingħatat miċ-Ċivil u mhux mill-politiku; u
- iċ-Ċivil ma jweġibx lilek, b'dana illi b'ebda mod ma qed timplika li ċ-Ċivil aġixxa skorrettament.

Nifhem li permezz tal-ewwel punt fir-risposta tiegħek, inti qed tikkonferma r-rapport ta' *The Shift News* li l-Kap Eżekuttiv ġab l-approvazzjoni tas-segretarju permanenti fil-ministeru tiegħek sabiex jaċċetta l-cruise u sabiex l-ITS tħallaslu l-vjaġġ bl-ajru.

Fir-rigward tat-tieni punt, id-dikjarazzjoni tiegħek li ċ-Ċivil ma jweġibx lilek mhix konsistenti mal-artikoli 17(5) u 35(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (il-kapitolu 595 tal-liġijiet ta' Malta). Madankollu nifhem minn din il-parti tar-risposta tiegħek li inti ma ħadt ebda azzjoni wara li dan il-każ ġie rapportat fil-midja.

Għalhekk inti qed terġa' tintalab tgħid jekk kellekx sehem inti personalment fl-approvazzjoni li ngħatat. B'mod speċifiku:

(a) Inti kont taf bit-talba għall-approvazzjoni da parti tal-Kap Eżekuttiv tal-ITS qabel ma ġiet mogħtija din l-approvazzjoni?

(b) L-approvazzjoni ngħatat bil-kunsens tiegħek?

Napprezza risposta ċara u diretta għal dawn iż-żewġ domandi sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 17 ta' Mejju 2024**.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT E

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTER FOR TOURISM AND
PUBLIC CLEANLINESS

16 ta' Mejju 2024

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi

Għażiż Sur Kummissarju,

**RE: Ilment nru 166 dwar permess għal cruise mogħti lill-Kap Eżekuttiv tal-Istitut għal Studji Turistiċi (ITS)**

Nikteb bi tweġiba għall-ittra tiegħek datata 23 ta' April 2024.

Mill-ġdid, u kif rappurtat, intenni illi l-awtorizzazzjoni/approvazzjoni ngħatat mis-Segretarju Permanenti u mhux minni.

Inselli għalik,

**Onor. Clayton Bartolo**

233, Republic Street, Valletta, Malta
**T** +356 2291 5900 **E** clayton.bartolo@gov.mt
**tourism.gov.mt**

# Traskrizzjoni tax-xhieda

Każ: K/063

Data: 24 ta' Ġunju,2024

Preżenti: Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika – JA
Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju – CP
Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju – SPW
Dr George Camilleri, Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju – GC

Mr Anthony Gatt, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika – AG
Avukat Dr Matthew Xuereb – MX

---

JA: Sur Gatt, l-ewwel nett eh inti m'intix investigat int ok, nagħmluha ċara. Aħna ir-remit tagħna qiegħed fuq l-MPs biss, prattikament insomma u xi persuni oħra imma inti m'intix wiehed minnhom definitely, iġifieri toqgħodx – m'għandekx tinkwieta fuq hekk.

AG: Ehe.

JA: Mela issa –

AG: Jien bil-Malti attendejt Sur Imħallef, bil-, kont tentat li ma nattendix imma –

JA: U iva –

AG: Attendejt just kemm dil-pożizzjoni tiġi kristallizzata.

JA: Le, le, le. U issa dak li ser tgħidilna ħa jkun irrikordjat naturalment biex ikun transcribed later on ħalli jkollna il-file, komplut –

AG: Tajjeb, tajjeb.

JA: – sewwa u ħa ntuk il-ġurament naturalment, u eh jekk tħoss li jkun eh hemm xi domanda tista' timbarrazzak, b'xi mod partikolari, għidilna ok? Mela orrajt, hemm –

CP: Recording iva.

JA: Mela, seduta miżmuma eh, 24 ta' Ġunju, 2024. Il-każ huwa K/063. Is-Sur Anthony Gatt, imsejjaħ mill-Kummissarju bil-ġurament tiegħu jgħid. Taħlef li tgħid is-sewwa, is-sewwa kollox, xejn inqas mis-sewwa, hekk Alla jgħinek.

Mela, eh, l-ewwel nett għidilna l-kariga preżenti tiegħek.

AG: Mela, Anthony Gatt, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika.

JA: Sewwa, u ilek f'din il-kariga?

AG: Minn eh, April 2022.

JA: Sewwa.

AG: Ka – fis-sens f'dan il-Ministeru –

JA: Sewwa, sewwa.

AG: Kont Segretarju Permanenti qabel jiġifieri, għal tmien snin –

JA: F'ministeru ieħor.

AG: F'ministeri oħrajn fil-verita'.

JA: Ok. Iġifieri il-rwol ta' Segretarju Permanenti tafu sew ormai.

AG: Għalaqt tmin snin.

JA: Tajjeb. Mela, eh issa taf xi ħaġa fuq dan il-cruise inti –

AG: Iva.

JA: Il-famuż cruise, eh kont inti fil-kariga meta –

AG: Iva.

JA: Meta sar il-cruise.

AG: Iva, iva.

JA: Hmm eh, x'inhu l-proċess normali meta jkun hemm dan it-tip ta', dan it-tip ta', jien naf, x'naqbad ngħid. Dan it-tip ta', aw vaganza –

AG: Iva.

JA: Estensiva, mingħand, mingħand xi ħadd fil-kariga tas-Sur Fenech.

AG: Mela, ħalli, ħalli nibda għax eh qed tistaqsini fuq il-eh it-travel. It-travel huwa naturalment irregolat mill-, eh mill-Ministeru għall-Finanzi, hemm ċirkulari, u naturalment aħna bħala uffiċjali pubbliċi dejjem nimxu maċ-ċirkulari u ma' dak, mal-linji gwida li joħorġu mill-Ministeru għall-Finanzi, iġifieri daka qatt ma ddippartixxejna millimetru minn dak illi joħroġ mill-Ministeru għall-Finanzi. Nagħmilha ċara jiġifieri w anka f'dan il-każ. Issa, l-ewwel nett, hmm aħna bħala uffiċċju tiegħi, tas-Segretarju Permanenti ovvjament ikollna t-travel tagħna– iġifieri eh jiena l-ġimgħa d-dieħla se nattendi flok il-Ministru għal seduta ministerjali. Iġifieri jkollna t-travel, it-travel tagħna u rridu nimxu dejjem kif għidt ma dik iċ-ċirkulari, iġifieri wieħed iġib l-aġenda, jiġġustifika l-bżonn illi għandu jmur, u mbagħad meta l-affarijiet jibdew jimmaturaw eh għandna travel section, ngħaddulhom dawn id-dettalji kollha, from A to Z, inkella qas jibda l-proċess, li

nġibu l-kwotazzjonijiet, hmm u jibdew jinġiebu l-kwotazzjonijiet għall-flight, naturalment skond ir-regoli. Per eżempju ħa nsemmi waħda l-iktar, l-iktar faċli, dawk minn skala tlieta 'l-fuq jittreviljaw business, jekk ma jkunux fi skala minn tla -, minn skala erba' 'l-isfel jittreviljaw economy per eżempju, biex nagħti eżempju wieħed, hemm affarijiet oħrajn. Tajjeb? Nimxu magħhom, eh inġibu tal-inqas tliet quotations, eh u mbgħad tingħażel dejjem l-irħas waħda hemm aw, l-irħas dejjem offerta. Issa f'dan il-każ, dan qed nitkellmu fuq vjaġġar, eh ma ngħidux vaganza u se nispjega għaliex –

JA: Imma ma kellux, ma kellux x'jaqsam max-xogħol as such naħseb hux hekk?

AG: Għandu ħafna x'jaqsam, għandu ħafna u għalhekk ġibt hawnhekk –

JA: Tajjeb.

AG: Hawn quddiemi, ħafna għandu x'jaqsam u se nispjegaha. Pero' għadni bħalissa fuq il-proċedura –

JA: Sewwa.

AG: Iktar milli ħa nidħol fuq id-dettal.

JA: Aħjar.

AG: Tajjeb? Li, qiegħed hawn biex niddefendiha d-deċiżjoni. Id-deċiżjoni ħadtha jien u ħa niddefendiha mija fil-mija. Hmm, f'dan il-każ, ġiet għandi għax l-entitajiet għandhom CEO, u CEO għandu separate legal personality, iġifieri hemm liġi u għandu responsabbiltajiet tiegħu, imma f'dan il-każ ġiet għandi għaliex? Il-għaliex l-ITS tajjeb li naraw daqsxejn il-background. L-ITS bħalissa għaddejin bi proġett ta' tmenin miljun, li huwa l-ITS new campus il-ġdid. F'dan in-new campus il-ġdid, se jkun hemm courses ġodda illi qatt ma rajna bħalhom f'dan il-pajjiż, per eżempju forsi ftit jafu li se jkun hemm diving pool biex tagħmel korsijiet għad-divers, l-iktar waħda fonda fl-Ewropa. Tajjeb? Għas-settur tad-diving. U hemm setturi oħrajn, setturi ġodda, li sal-lum qatt m'offrejniehom f'dan il-pajjiż, tal- wellness management per eżempju, spa management per eżempju, u fosthom is-super yacht industry, tajjeb? Cruises u dawn l-affarijiet kollha. Illum smajna fl- aħbarijiet kumbinazzjoni illi se neċċ – kważi se nilħqu, mhux neċċedu, kważi se nilħqu il-miljun turist minn min-naħa tal-cruise line industry f'pajjiżna. Jiġifieri huwa suġġett li, huwa sorry, huwa settur li qed jikber, tajjeb? U allura, il-gvern qed jinvesti fih. Iġifieri f'ITS il-campus il-ġdid, illi minn seba' mitt, tmien mitt student illum qed naraw qed li nitilgħu naqbżu tlett elef, student, tajjeb hemm dan l-interess kbir. U allura l-ITS u l-management tagħha, il-ħin kollu għaddejin f'laqgħat biex jaraw kif dawn is-setturi ġodda, se nqajmuhom fuq saqajhom. Iġifieri jiena attendejt mas-CEO, mas-Sur Pierre Fenech, eh is-Saudi, per eżempju eh u ddiskutejna kif nistgħu inġibu studenti minn hemm hekk. Kieku rridu tant hemm interess u ngħidha b'risponsabbiltà, li nistgħu l-ITS il-campus il-ġdid, niddedikawh biss għall-istudenti mis-Saudi, tant hemm interess f'dawn il-

courses il-ġodda. Per eżempju meta semmejnielhom il-Spa Management, dawn kemm iridu jibgħatulna studenti, tant, tant hemm interess.

JA: U dawn – ħa ninterrompik, skużani – dawn iħallsu?

AG: Bla dubju.

JA: Iħallsu iġifieri .

AG: Iħallsu u żgur, iġifieri il-campus il-ġdid ħa jkollu anke dormitorji, fejn iħallsu il-, b'mod kummerċjali. Iġifieri hemm dan l-interess, u dan propju kien wieħed minnhom jiġifieri dan konna qed niddiskutuh, u ġiet din, il- il-Viking, għax tajjeb, għax meta ngħidu vaganza forsi kif ġiet irrapurtata sfortunatament, dan kien shakedown cruise jgħidulu. Shakedown cruise –

MX: Fuq din sur Gatt nixtieqek forsi tiftaħ ftit, il-policy tagħkom u tal-gvern fhimnieha, eh ta' fuq vjaġġar. Il-kwistjoni ta' niche sectors li intom qed tesploraw fhimnieha wkoll u you are correct, nemmen ukoll tkunu suċċess jiena anka l-istatistika għax numbers don't lie. Issa dan, kif jirrelata għax inti qed ssemmi it-terminu shakedown cruise?

AG: Iva.

MX: Kif jidħol fil-mansjonijiet tax-xogħol tas-Sur Fenech.

AG: Shakedown cruise huwa propju jkun cruise on test, iġifieri kull ma jkun qed jiġri ma kienx hemm tal-ITS ta' Malta biss, kien hemm ta' institutions oħrajn. Dan ikun apposta, bħal meta tmur il-fiera tat-tiġijiet, ikun hemm kollox on test, dan kien propju dan it-tip ta' cruise, it's a shakedown cruise fejn ikun hemm l-ogħla uffiċjali anka s'hawnhekk, issa nispjegalkom saru anka meetings, meta tmur anka cruise vaganza naħseb l-inqas ħaġa li jkollok aptit li toqgħod tagħmel meeting jiena. F'dan il-każ hawnhekk huma msemmijin il-persuni min huma, li saru meetings. Dawk huma hemm hekk apposta –

MX Ghandkom dokumenti f'das-sens?

AG: Iva, iva, nispjega x'inhuma imma d-dokumenti ħalli nikkwalifikawhom. Saru dan it-tip ta' meetings, ikun hemm kollox on test, kollox on display, i- i - isir eh, dak li jgħidulu qisu, ma tantx nifhem fil-karozzi imma, bħal meta karozza tibda titestjalha l- magna, jagħfsu ħafna l-gas ħa jaraw kemm tiflaħ, ikun kollox ittestjat to the limits, biex jaraw kemm dawn huma kapaċi joffru dan it-tip, eventwalment ta' training. Iġifieri this is an industry which is very interesting għall-ITS. Issa jiena rrid nispjega ftit għax forsi, biex ma rridx xi ħadd jaħseb illi dik kienet hekk approvajtha, jiġifieri jekk hemm xi ħadd illi, u ngħidha b'responsabbilità mhux bi qżi-, mhux bi ksuħat, illi nimxi mar-regolament huwa jiena, iġifieri anka meta – jien wieħed forsi mill-ftit illi l-attendenza tiegħi nirreġistraha b'mod elettroniku. Pero', meta hawn hekk kitiblu u hawnhekk ħa nħallilkhom kopja ta'din, ta' din il-korrispondenza, sewwa, jiġifieri hawnhekk kien hawn dak iż-żmien Frank Fabri kien għadu hemmhekk u qiegħed jikteb, qiegħed jikteb x'jismu, eh beda hu

nsomma u mbgħad ġiet għandi, qalli: “Dear Permanent Secretary, as part” – ippermettuli ftit ħa naqra l-iktar partijiet importanti – “as part of this exciting opportunity for ITS to set up in collaboration with Viking Cruises, an academy in Malta within ITS the team working on this project was invited to be able to provide feedback to them as well as to experience their levels and also have the opportunity to attend meetings on board before we continue discussions to set it up. I am trying to sort this out, to sort the issue” – għax kien hemm issue tas-C visa għandna problema dik mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għadna għaddejin biha – “or at least have a plan how to go about it before we go for this trip. Any help” – u hmm ix-xogħol għadu kif għidtilkom għaddej anka mal-Permanent Secretary Chris Cutajar għaddej nsomma minħabba s-CVU, dawn ikollhom problemi minħabba il-visa tal-istudenti, qed nippruvaw, we iron out the process biex iġibu l-visa issa meta jiġu biex jistudjaw. Insomma –

GC: Chris Cutajar ta’ liema dekasteru jiġi?

AG: Chris Cutajar tal-Foreign Affairs.

JA: Foreign Affairs.

AG: Ktibtlu lura jiena u għidtlu: “Dear CEO” – ma qbadtx u għidtlu iva mur. “A couple of questions which you might wish to consider. If you had to accept the invitation for the maiden cruise, will it incur any travel/subsistence/contingency costs for ITS?” U qalli, u dawn il-questions ma vvintajthomx jiena propja ġibthom miċ-ċirkulari li ħa ngħaddilkom hawnhekk ukoll, “Only airline costs for the member of staff for ITS that is mine and Andrew. No subsistence as this is fully paid. Obviously we need to pay” – għax dan imbagħad issa nispjegalkom għax kien hemm il-mara tiegħu, il-mara tiegħu lanqas naf x’jisimha miegħu, issa nispjegalkom. “If the answer to the previous question is in the affirmative could you confirm that you will follow MFE circular number 3/2022?” Qalli ovvjament le, għax, għax l-ewwel risposta kienet it was not in the affirmative. “If you had to accept the invitation, will it directly or indirectly commit ITS to enter into an agreement of any sort with Viking Cruises that may result in financial obligations?” “No there is no obligation on both sides not only on us.” U mbagħad ir-raba mistoqsija iġifieri ġietu hawn għandna u bi żball din, eh “Please indicate the tangible benefits which are expected to be achieved which directly or indirectly affect the interests of the, of the country.” “For ITS,” qalli, “we would be opening another important stream of courses which we have been working on for a long time. As a country if this project kicks in, it will result in economic benefit as all prospective workers will have to visit Malta for their training both at ITS and also other institutions who specialize in maritime education. This will al-, this will also be another building block towards one of the manifest measures that is of creating courses for super yachts with deliverable two hundred thirty nine” – which is specific. My replies bagħathieli u għidtlu: “CEO, the attached email and your feedback below refer”, qed ngħidlu jien dan. “In the circumstance I feel that you should favourably consider the invitation, the benefits” – fl-opinjoni tiegħi –

"certainly justify the costs which are extremely minimal." U ngħidilkom hawn qed nitkellmu fuq mitejn u tletin euro. Ħallasna.

MX: U s-sussidju, li mħallas mill-parti tal-fondi pubbliċi allura?

AG: Mitejn u tletin euro flight, waħda ħallasna biss. Iġifieri dan kollu fuq mitejn u tletin euro. "As always please administer travel arrangements as per the attached MFE circular." U erġajt attaċjajtlu l-MFE circular minħabba l-obligations kollha. Dawn ħa ngħaddihomkom. Wara illi ġew lura, hawnhekk għaddewli it-travel report skond iċ-ċirkolari iffirmat kemm minn Pierre Fenech is-CEO u kemm minn Andrew Debattista illi huwa Senior Manager Business Development, u jekk taqrawha ma nafx iġifieri mhux se noqgħod naqrah kollu, hawn hekk qed jgħid "Meeting with Executive Director Human Resources of Viking Cruises. Meeting with Executive Chef of Viking Cruises, meeting with Executive Pattisier of Viking Cruises" apparti l-affarijiet l-oħra li spjegajtilkom hmm l- affarijiet, l-affarijiet l-oħrajn kollha. Na, nikkonferma mija fil-mija illi jekk kien hemm eh familjari illi attendew il-gvern ma ħallas l-ebda, l-ebda ċenteżmu, għalihom l-ebda, hmm u ħa nagħmilha biex issa ħa nagħmilha ċara mhux xi ħaġa li qed nivvintaw, we're inventing the wheel – ġieli jkollna każi fejn uffiċjali pubbliċi jkunu ħa jsiefru għal laqgħa, tispiċċa l-ġimgħa u jgħidulek ħa nibqa' hemmhekk is-Sibt u l-Ħadd u nirritorna l-Ħadd. Iġifieri ġieli jkun hemm minn dawn l-arranġamenti. Hemm proċedura, x'inhi per eżempju, jekk xi ħadd kellu jirritorna il-Ġimgħa spiċċa l-meeting il-Ġimgħa, u ġej il-Ħadd –

JA: Jħallas il-lukanda –

AG: Iħallas il-lukanda u anka d-differenza fil-flight.

JA: Fil-flight jekk ikun hemm –

AG: Iġifieri jekk tal-Ġimgħa kienet irħas u tal-Ħadd hija ogħla, aħna nħallsu tal-Ġimgħa u jġif-, id-differenza. Iġifieri ma kien hemm – dan biex ngħidilkom ukoll, fil-każ tas-CEO, lanqas ħallasna l-flight tiegħu, għax inzerta illi kien hemmhekk fuq xi ħaġa m'għandha x'taqsam xejn, l-Italja jidhirli mill-Italja telaq jekk niftakar sew, I stand to be corrected hawn, hmm fuq xi ħaġa tal-Erasmus u lanqas kienet imħallsa mill-gvern it-trip tiegħu jiġifieri kull ma ħallasna huwa ta' Andrew Debattista, hemm il-kwotazzjonijiet kollha li jistgħu jgħadduhomkom, eh hmm l-IT –

MX: Dawk inti, tibagħtuhom lill-finanzi intom?

AG: Le, le jinġabru bħala entita'. L-entita' għandha l-procurement unit tagħha.

MX: Sewwa.

AG: Tiġbor il-quotations, jiena għamilt ċert illi l-quotations inġabru u ntgħażlet l-irħas, l-irħas waħda, u tħallas qed nitkellmu fuq xi mitejn u tletin euro. Mhux –

JA: Apparti l- l-, l-enfasi l-iktar fuq tal –

AG: Dawn biex ngħaddihomkom –

JA: Grazzi anzi.

AG: Nagħmilhomkom fi plastic?

SPW: Tista' tibgħatilna l-oriġinali, l-email iċ-chain l-oriġinali, mhux pdf mhux scan –

AG: Din iġifieri?

SPW: Bħala attachment –

AG: U iva issa nerġa' –

SPW: Hekk hu.

MX: Għandkom xi email partikolari ?

JA: Iva,iva issa ntuhielek.

AG: Tiegħi stess l-email l-aħħar waħda tiegħi jiġifieri, jien ħa ngħaddihomkom.

SPW: Fil-fatt għandna naħseb, korrispondenza mal-PA tiegħek eh –

AG: Daniel? Ma Daniel kontu qed titkellmu jew Josette Sant, Josette Sant.

SPW: Josette Sant.

AG: Orrajt ok.

SPW: So –

AG: Grazzi.

JA: Ok, grazzi. Eh għax l-enfasi tal-ga-, tal-Newsbook u l-oħrajn, tax-Shift etc, kien iktar fuq il-, possible conflict of interest li kellu s-Sur Fenech għaliex kien qed jitratta mal-Viking Cruises kien fuq xi ħaġa oħra, iktar milli għall-flus. Inti għandek xi idea ta' dan?

AG: No. No assolutament le, li kieku kien il-każ fi tmien snin, kif ħa nibda insemmi xi ħaġa kif semmejt qabel ħa nkompli kif bdejt, kważi fi tmien snin illi ili, kelli każijiet fejn issospendejna, iġifieri CE-, kieku hemm problema ibqgħu ċerti li I will stand my ground, no I am not aware u onestament iġifieri hand on heart ma naħsibx li huwa l-każ. Iġifieri il-ITS għandha, għaddeja minn programm, għadha kif ingħatat hmm għaddiet bi flying colours anka minn audit estensiv illi sar, din importanti l-ITS għadha ftit tal-ġimgħat ilu għadha kif għaddiet minn audit estensiv u għaddiet bi flying colours, sewwa u jiena huwa sodisfazzjon kbir illi fi żmien li qiegħed hemmhekk jien, ġibna dan, ġibna dan ir-riżultat. Hmm u ma kien hemm l-ebda problemi, u tant kemm hu hekk, illi l-M-, dejjem nitħawwadha l-NFHE jidhirli fejn tagħti l- l- eh, il-fakulta' li toffri courses tal-livelli ogħla tat ukoll il-fakulta' lill-ITS li toffri issa minħabba dan l-audit pożittiv illi sar, illi toffri korsijiet anka f'livell 7, f'livell ta' Masters. Kieku kien hemm l-iċken dubju ma naħsibx illi kienet se tgħaddi mill- mill- mill eh, dan l-audit estensiv li sar. Dam għaddej ġimgħat l-audit, iġifieri

jiena naf infurmat li kien hemm kaxxi sħaħ ta' dokumenti x'jaraw u għaddietu with flying colours.

JA: Ħa naqralek l-artiklu x'jgħid ta. "Mr, - Pierre Fenech etc CEO took his wife on a free cruise around the Mediterranean courtesy of Viking Cruises a Swiss based company that, at the time, was negotiating a deal to send staff to train at the same institute." Dak li qalu.

AG: Iva, mela, mela ħa , ħa biċċa ,biċċa, for a free cruise. Jiena l-ġimgħa dieħla kif għidtilkom se nattendi laqgħa minist – tal-Ministru, għandi Gala Dinner mal-Ministri l-oħrajn. It's a free dinner.

JA: U le orrajt, dak dejjem daka dejjem –

AG: Iġifieri mela l-ewwel waħda,

JA: Daka meta tmur konferenza ħafna drabi ikun hemm dejjem.

AG: Mhux hekk,iġifieri il-kelma free qisha qed tagħti l-impressjoni

MX: Li xi rigal dan

AG: Li qisu mar fuq xi Royal Caribbean Cruise –

JA: Iva, pero',pero' il-punt –

AG:- Issa –

JA: Ehe, kompli.

AG: Dawn il- Viking iva kien hemm negozjati u hemm oħrajn. Iġifieri illum qed ngħidu l-Viking, jien naf li hemm institutions oħrajn. Iġfieri illum l-ITS tibgħat l-istudenti iċ-Ċina, għandna satellite campus iċ-Ċina, nibgħatu l-istudenti l-Isvizzera għandha satellite campus hemmhekk. Dawn mhux kollha institutions? Bħall-Viking hemm ħafna iktar, ħafna iktar. Imma jekk ma nitkellmux magħhom kif se naslu, mhux dik hija l-proċedura? Iġifieri dawn jibdew jaraw interess, jaraw li Malta qed tagħmel record fuq record fejn għandu x'jaqsam it-turiżmu u kemm qed nipproduċu studenti llum. Għandna studenti mill-ITS tmur tarahom jaħdmu jmexxulek restaurants u hotels barra minn Malta. Mhux bilfors ikollna dawn il-kuntatti? Issa x'tagħmel b'dawn il-kuntatti nifhimha, imma il-fatt illi jkun hemm dawn il-kuntatti, il-bqija ningħalqu ġo bozza u ma nkellmu lil ħadd. Iġifieri, jiena jekk tgħidli dan inqabad jew hemm – li għaddielu xi flus per eżempju, nifhimha, imma dan it's part of the process, iġifieri mhux hekk. Jiena m'ilux tlajt l-Isvizzera għadna nagħmlu investiment ta' sitt miljuni f' equipment tat- tindif elettriku għall-cleansing. L-ewwel ħaġa li għamluli wara li rebħu t-tender, iġifieri kien hemm process, rebħu tender pubblika, pubblikata fuq il-PPS, bid-DOC bil-proċeduri kollha, stidnuna biex narawhom jaħdmu kif jaħdmu. Aċċetajtha mill-ewwel mort għax kieku illum jien jista' kulħadd ibellagħli li jrid. Jien illum naf kemm iddum biex tiċċarġja street sweeper, ma jistgħax jgħidlu ddum tmien siegħat għax naf li fi tlett siegħat iddum

tiċċarġja. Iġifieri jekk ma ningħatawx din l-exposure ma nimxux il-quddiem. Iġifieri bir-rispett kollu naħseb –

JA: Issa hawn parti oħra, ma nafx tafx xi ħaġa fuqha din, "The Shift was further informed that despite Fenech being advised not to accept the gift, as this could compromise negotiations with the government , he still went ahead and spent five days on the luxury ship."

AG: No, ma n –

JA: Ma taf xejn fuqha din.

AG: M'iniex infurmat assolutament.

MX: Anzi naħseb, billi u din ukoll, u kont inweġibha jien, is-Sur Gatt nafu jiġifieri, u naf kemm hu bniedem preċiż, u naħseb il-korrispondenza tiegħu f'dawk il-mistoqsijiet kollha, iġifieri biex, f', x'ħa jiġri , jekk hux ħa jkunx hemm impatti kummerċjali etc., f'dan it-travelling saqsejthomlu a priori –

JA: U żgur.

AG: Hawn id-dati hu.

JA: Ghandkom xi mistoqsijiet?

GC: Għandi xi mistoqsija. Hmm, ara biex niftehmu sew, inti qed tgħidilna dawn il-Viking kienu qegħdin jimmiraw biex jirbħu kuntratt hawn Malta. Qed naqblu? Jew bil-kontra?

AG: Le –

GC: Spjegali ftit?

AG: Le, mhux kuntratt, din m'hemmx document x'jismu –

GC: App-.

AG: Huma , they are an institution in the yacht, super yacht industry.

GC: Ehe.

AG: Which is different, iġifieri din mhijiex kwistjoni ta' procurement, noħorġu tender –

GC: Le, le li qed insaqsik huwa l-Viking biss kienu qegħdin iffittxu -

AG: Le, le ,ass – le.

GC: Kellhom il-competitors.

AG: Ehe, imma mhux – this is not, hmm a public tender. Sewwa? Iġifieri jekk tgħidli –

GC: Sewwa. X'inhi mela?

AG: Dan huwa process, li l-ITS ovvjament hmm, issa llum għandha eh reputation across Europe, u anka beyond Europe kif għidtilkom u semmejtilkom is-Saudi.

